MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 762/2008

***Victor Petroni***

***Vs***

***Swaey Bros. Limited***
***C 5591***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf hamsa u hamsin Ewro (€1,055) jew somma ohra verjuri rapprezentanti hsara kkagunata minnha u/jew impjegati taghha f'*windshield* tad-dghajsa tal-attur waqt li din kienet fil-kustodja taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja kif ukoll l-imghax.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex is-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mill-attur.

In oltre illi s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda responsabbilita' ghal kwalsiasi att ta' dolo jew culpa li seta' qatt gie kommess mill-impjegati taghha.

Illi, bla pregudizzju ghas-sueccepit,, f'kull kaz l-ammont reklamat huwa eccessiv u esagerat.

Illi, ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Ra x-xhieda ta' Victor Petroni li kien inkariga lis-socjeta' attrici sabiex itellghulu l-yacht tieghu minn Ta' Xbiex u johduh fis-*Shipyard* taghhom. Meta kien mar jara l-*yacht* tieghu, kien sab l-*windshield* mkissra u kien tkellem mas-socjeta' konvenuta, minn fejn irrizulta li xi mpjegat minn taghhom kien qed jahdem fuq il-*yacht* u kien ser jaqa' u kien zamm mal-*windshield* u ghalhekk inkissret.

Ma wasalx ghal arrangjament mas-socjeta' konvenuta u kien ghalhekk li kellu jixtri windshield gdida ghal valur ta' elf hamsa u hamsin Ewro (€1,055).

L-attur ighid li d-dghajsa kienet inbniet fl-1974, izda kien akkwistaha aktar tard u meta gara l-kaz, id-dghajsa kienet ilha ghandu bejn sitta u tmien snin. Ighid li qatt ma biddel il-*windshield*, izda din ma kienitx *weathered.*

L-attur ighid li qatt ma kien tkellem ma' Anthony Vella, direttur tas-socjeta' konvenuta, izda kien tkellem mieghu Robert Riolo, l-mechanic ta' l-attur.

Jikkonferma li kienu cemplulu mis-socjeta' konvenuta, biex jibghat lil xi hadd biex ikun fuq il-*yach*t waqt li kienet ser tigi ttrasportata mill-Yacht Marina ghal *yard* tas-socjeta'.  Pero', peress li avzawh fl-ahhar minuta, ma kellu

l-hadd u xorta wahda, s-socjeta’ konvenuta, tellghet id-dghajsa u sabet lil xi hadd hi.

Jinnega li Riolo kien avzah li kien jehtieg li jibghat persuna biex tkun prezenti fuq id-dghajsa, jghid li sar jaf dakinhar stess li kien ser isir it-tragitt. Dakinhar filghodu Riolo kien mar inehhi r-radar arch u kien prezenti dak il-hin, pero’ ma kienx dak il-hin li d-dghajsa kienet ser tigi ttrasportata, ghax hadd ma qallu.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Ra x-xhieda ta’ Anthony Vella, direttur tas-socjeta’ konvenuta, li jispjega kif kien gie avvicinat minn Robert Riolo, li kien talbu biex itella’ l-*yacht* ta’ l-attur, li kien klijent tieghu u jzommha fil-*yard* taghhom sabiex isirulha xi tiswijiet.

Ix-xhud ighid li kien accetta, bil-kundizzjoni li meta d-dghajsa tkun qed tigi ttrasportata mill-Imsida sa’ Ta’ Qali, kien hemm bzonn li jew Riolo, jew is-sid jew xi hadd imqabbad mis-sid, kellu jkun prezenti fuqha halli jekk ikun l-kaz, jerfa’ l-“*overhead wires*,” li jkun hemm fit-toroq u li jkunu ser imissu mad-dghajsa.

Dakinhar li kienet ser tigi ttrasportata d-dghajsa, kien rega’ fakkar lil Riolo sabiex ikun hemm xi hadd prezenti fuq id-dghajsa u dan kien qallu li suppost, l-attur kellu jibghat persuna, pero’ dan qatt ma gie u peress li d-dghajsa kienet diga’ tghabbiet fuq it-*trailer*, ma kienx hemm alternattiva, hlief li jibghat il-lavrant tieghu, Joseph Sant, biex joqghod fuq id-dghajsa, biex jigu evitati l-“*overhead wires*.”

Generalment, ma kienx jaccetta li joqghodu impjegati tiehu fuq id-dghajjes u dan minhabba li setghu jkun responsabbli ghal xi hsara li setghet tigri.

Gara li waqt it-tragitt, Sant kien ser jaqa’ u biex jevita li jwegga’ kien zamm mal-*windshield* u dina kienet tqacctet

u dan peress li kellha z-zmien fuqha u kienet esposta ghal hafna xemx. Kienet maghmula mill-*perspex* u d-dghajsa kellha xi 25 sena.

Ftit granet wara, l-attur kien mar talab lis-socjeta’ konvenuta biex taghmel tajjeb ghal hsara li kellu fid-dghajsa, izda kienu rrifjutaw li jaghmlu dan peress li suppost l-attur kellu jibghat persuna biex dina toqghod fuq id-dghajsa waqt it-tragitt, u jekk gara li gara, kien kollu accidentalment. Meta l-attur kien mar jitlob l-ispejjez tal-“*windscreen*,” d-dghajsa kienet lesta biex terga’ titnizzel fil-bahar.

Pero’, ix-xhud ighid li ma kienx ser ihalli d-dghajsa titlaq mill-*yard* sakem isir il-pagament u mbaghad gie miftiehem mal-attur li jhallas kif fil-fatt ghamel.

L-attur kien baqa’ jmur jara x-xogholjiet li kienu qed isiru fuq id-dghajsa, izda meta wasal iz-zmien biex id-dghajsa terga’ titnizzel fil-bahar, ix-xhud kien talab lil hu l-attur sabiex ihallas il-kont li kellu pendenti ghax altrimenti ma kienx ser inizzilu d-dghajsa, izda gara li l-attur mar biex ihallas, izda baqa’ jinsisti li ried jithallas ta’l-ispejjes tal-“*windshield*.”

Kien ghalhekk li l-attur kien imbaghad fetah dina l-kawza.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Sant, li kien jahdem mas-socjeta’ konvenuta u jispjega li rigward dan il-kaz in kwistjoni, kien mar Ta’ Xbiex, minn fejn haddiem tas-socjeta’ attrici, James Fenech, kien ser itella’ dghajsa minn gol-bahar u jittrasportaha ghall-*Yard*.

Jikkonferma li l-attur kellu jibghat persuna biex toqghod fuq it-trailer, minhabba l-*wires*, izda ma baghat lil hadd, Kien mar hu minflok u waqt it-tragitt kien ser jirbula u ghalhekk zamm mal-*windshield*, li kienet qadima, mqarqca u lanqas kellha frame u kienet ixxaqqet minn nofs.

Ra x-xhieda ta’ James Fenech, li kien jahdem mas-socjeta’ konvenuta u rigward dan il-kaz, jispjega li kien gie

inkarigat minn Anthony Vella, direttur tas-socjeta’ sabiex itella’ l-*yacht* tal-attur mill-bahar u jittrasportaha lejn il-*yard* tas-socjeta’ konvenuta.

Irrizulta li l-attur ma kienx baghat persuna sabiex ikun fuq il-*yacht* waqt it-tragitt. Ghalhekk is-socjeta’ konvenut kienet baghtet impjegat minn taghha, certu Joseph Sant. F’hin minnhom, Sant kien se jaqa’ u zamm mal-*windshield* tal-*yacht* u din ixxaqqet. Ix-xhud igid li ma kienx ra dan jigri ghax kien qed isuq, izda kien sema’ l-ufficcju li kien inkiser il-“*windshield*” u l-imghallem tieghu kien qallu li kien hemm xi *“cracks” fil-perspex*.

Ra x-xhieda ta’ Robert Riolo, *marine service engineer*, li jispjega li kien ftehem ma’ l-attur sabiex jaghmel xi tiswijiet fuq id-dghajsa, Riva 42 proprjeta’ ta’l-attur . Kien hu li ppropona lill-attur, li d-dghajsa tigi trasportata fil-*yard* tas-socjeta’ konvenuta, li kienet tinstab vicin il-post fejn kien ser jaghmel it-tiswijiet.

L-attur kien qabel u kien ghalhekk, li x-xhud kien ikkomunika ma’ Anthony Vella, direttur tas-socjeta’ konvenuta u giet miftiehma gurnata fejn kienet ser tigi trasportata d-dghajsa.

Gurnata qabel ma kellu jsir dan, kien ikkomunika mieghu s-sur Vella u kien talbu li jnehhi r-*radar arch* minhabba li jkun hemm “*overhanging wires*” waqt it-trasport. Vella kien saqsih ukoll jekk kienx ser ikun prezenti waqt it-trasport u kien ikkonfermalu li kien ser ikun hemm, pero’ izid ighid li Vela ma kienx qallu ghalfejn kien jehtieg persuna ohra.
Kien iltaqa’ mal-attur u ma’ ragel avvanzat u dan sabiex inehhu r-*radar arch* u mbaghad d-dghajsa ttelghet u tpoggiet fuq it-*trailer*.

L-attur hass lil-*employer* kellu jgib lil xi hadd sabiex ikun fuq id-dghajsa, waqt li qed tigi ttrasportata, izda ma baghad lil hadd u Vella, bhala direttur tas-socjeta’ konvenuta, kien baghat wiehed mill-impjegati tieghu.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi l-attur qed jippretendi li jithallas l-ammont ta' elf hamsa u hamsin Ewro (€1,055) minhabba hsara li giet ikkagunata fil-*windshield* tad-dghajsa tal-attur  mis-socjeta' konvenuta stess jew minn impjegat taghha.

Gara li l-attur kien inkariga lis-socjeta' konvenuta biex tigi trasportata d-dghajsa tieghu minn Ta' Xbiex ghal gol-*yard* tas-socjeta' konvenuta.

Il-verzjonijiet jikkontrastaw f'dak li kien gie miftiehem ghat-tragitt, ghaliex l-attur jibqa' jinsisti li ma kienx gie avzat qabel mis-socjeta' konvenuta, li kien jehtieg li jibghat persuna fuq id-dghajsa minhabba *overhanging wires.*

L-attur ighid li kien ircieva telefonata dakinhar stess filghodu, meta kienet qed tigi trasportata d-dghajsa u kien tard wisq biex jsib lil xi hadd biex imur.

Minn naha l-ohra, Robert Rioli, li kien il-mekkanik tal-attur, jaghti verzjoni ohra, ghaliex jispjega li Anthony Vella, direttur tas-socjeta' konvenuta, kien avzah li kien necessarju li jkun hemm persuna abbord id-dghajsa, waqt li kien qed isir it-tragitt.  Riolo stess jikkonferma li kien avza' lill-attur.

Peress li l-attur ma baghat lil hadd, is-socjeta; konvenuta kienet inkarigat wiehed mill-impjegati taghha biex ikun prezenti abbord waqt it-tragitt, certu Joseph Sant.

A bazi ta' dan, is-socjeta' kovenuta tinsisti li ma kienitx responsabbli ghal dina l-hsara, ghaliex l-attur ma kien baghat lil hadd u in oltre, kienet inkarigat li xi haddiehor.

L-attur qed jibbaza l-kaz tieghu fuq *culpa in vigilando,* fis-sens li s-socjeta' konvenuta kellha tkun responsabbli ghall-agir ta' l-impjegati taghha. Ighid li l-impjegat Joseph Sant ma kienx attent u ghalhekk ikkaguna l-hsara.

Mix-xhieda ta' Sant gie kkonfermat li f'hin minnhom kien ser jaqa' u zamm mal-*windshield* u dina kienet inkissret. F'dan il-kuntest, ghandu jigi kkunsidrat li dina d-dghajsa kienet tas-sena 1974 u sakemm damet ghand l-attur ma kienitx inbiddlet u ghalhekk kellha z-zmien taghha ukoll.

Primarjament, ghandu jigi stabbilit, li Sant tqabbad, ghaliex is-socjeta' konvenuta ma kellhiex alternattiva u kien hemm il-biza' ta' *wires* fit-triq. Is-socjeta' konvenuta hadet hsieb ukoll tal-*cranes* biex jingarr il-*yacht.*

Li ghandu jistabilixxi dan it-Tribunal huwa jekk is-socjeta' konvenuta kienetx responsabbli jew kienx l-impjegat tieghu li kien. Jekk verament, l-attur hass li d-danni setghu gew ikkagunati mill-impjegat tas-socjeta' konvenuta, seta' jiftah dawn il-proceduri kontrih ukoll. Dana ghaliex l-*employer* huwa biss responsabbli "***meta ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna minhabba n-njuqqas ta' hila taghha tikkaguna lil haddiehor." Art.1037 tal-Kap.16.***

L-oneru tal-prova li s-socjeta' konvenuta ma kienitex inkarigat persuna ta' hila, hja ta' l-attur li fil-kaz odjern ma pprova xejn , ghajr li Sant, li kien l-impjegat, kien ser jaqa' u zamm mal-windshield u per konsegwenza nkissret. Ma kien hemm xejn x'jindika li ma kienx persuna kompetenti.

Anke jekk verament l-attur kien konvint, li l-hsara grat tort unikament ta' Sant dan kellu jiddahhal bhala parti mill-kawza odjerna, haga li ma gratx u anke li kieku, kien ikun difficli biex jikkonvinci lil dan it-Tribunal, ghaliex ghandu jitqies ukoll, li l-hsara sehhet meta kien ser jitlef i-bilanc Sant u apparti minn hekk l-windshield kellha z-zmien taghha, esposta ghax-xemx u l-bahar u b'hekk kienet aktar fragli.

Ghalhekk, it-Tribunal huwa konvint li ma gietx pruvata l-*culpa in vigilando*.

Anke biex tigi ppruvata r-responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta, l-oneru tal-prova kienet taqa' fuq l-attur, izda kull ma rnexxielu jikkonvinci lil dan it-Tribunal, huwa li s-socjeta' konvenuta harget barra minn triqitha biex takkomoda lill-attur, meta suppost kien l-attur li kellu jiehu hsieb jibghat lil xi hadd u minflok s-socjeta' konvenuta sabet l-ghajnuna ta' Sant, l-impjegat taghha.

Robert Riolo, l-*mechanic* ta'l-attur jikkontradixxi l-verzjoni ta' l-attur, ghax jikkonferma li kien avza' lill-attur biex jahseb ghal xi hadd waqt it-tragitt tad-dghajsa, izda dan m'ghamlux. Ghalhekk, verament, minn kien realistikament irresponsabbli kien l-attur u mhux is-socjeta' konvenuta.

Dwar l-eccezzjoni li l-ammont mitlub mill-attur huwa esagerat, it-Tribunal mhu ser jiddeciedi xejn minhabba li it-talbiet attrici ser jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, b'dan li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------